# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' April 2024**

**Numru 13**

**Rikors numru 1031/2016/1 LM**

**Ian Mizzi**

**v.**

**Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd (C 17421)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża dwar danni kkawżati fuq il-persuna tal-attur kawża ta' inċident fuq il-post tax-xogħol meta nqabdulu s-swaba t'idu l-leminija fil-partijiet mekkaniċi ta' *forklifter* li kien qiegħed jaħdem minn fuqu biex iwettaq xogħol ta' żarmar ta' saqaf ta' trejler. Huwa kien qiegħed jaħdem minn fuq pelit imdeffsa fil-furketta ta' *forklifter*.

2. B'sentenza tat-12 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet premessi, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta; laqgħet it-talbiet tal-attur, għajr dik għal-likwidazzjoni tad-danni emerġenti; iddikjarat li r-responsabbilità għall-inċident li seħħ fis-27 ta' Novembru, 2014 fil-bitħa proprjetà tas-soċjetà konvenuta fi Triq il-Pitkali, Attard fejn safa mweġġa' ġravement l-attur, għandha tinġarr minnha; u kkundannatha tħallas lill-attur €36,956.64 li llikwidat bħala danni, wara li kkunsidrat:

3. Dwar iċ-ċirkostanzi li fihom seħħ l-inċident:

> Jirriżulta mill-provi li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attur, impjegat bħala labourer mas-soċjetà konvenuta għal dawk l-aħħar sentejn, kien qiegħed iżarma saqaf ta' trejler flimkien ma' xi impjegati oħra tas-soċjetà konvenuta.
>
> Jirriżulta li aktar kmieni dakinhar, Jonathan Borg li kien ilu impjegat bħala freight maintenance co-ordinator mas-soċjetà konvenuta għal dawk l-aħħar għaxar snin u li taħtu kien jaħdem l-attur, kien qal lill-ħaddiema li hu kien ser imur jixtri r-rivets mingħand tal-Wurth u hekk kif jasal lura huma kienu ser jibdew iżarmaw is-saqaf tat-trejler, xogħol li jirriżulta li xi ftit jew wisq ma jsirx ta' spiss. Dawk ir-rivets kienu proprju necessarji sabiex jerġa' jintrama' s-saqaf. L- attur min-naħa tiegħu qal li hu kien irċieva struzzjonijiet mingħand Jonathan Borg sabiex jibdew iżarmaw is-saqaf tat-trejler, iżda l-Qorti hawn tgħid li l-veraċità o meno ta' din l-ordni tonqos mill-importanza tagħha fid-dawl ta' dik li hija l-qofol tal-kwistjoni, jigifieri l-mod kif kien jintuża forklifter mill-ħaddiema.
>
> Sadanittant Jonathan Borg kien ta wkoll handover lill-kollega tiegħu Edin Mujic. Dan kien ilu jaħdem bħala local logistics co-ordinator mas-soċjetà konvenuta għal dawn l-aħħar tnax-il-sena. Jonathan Borg xehed li qallu jieħu ħsieb in-nies u jissorvelja dak li kien qed jiġri sakemm hu jmur jixtri. Dak il-ħin hu kien ħalla lill-ħaddiema jaħdmu fuq l-istandard check list tat-trejlers l-oħrajn, iżda jidher li f'xi ħin l-attur, flimkien ma' Wahid Fifi u Roderick Scerri, qabdu jżarmaw is-saqaf tat-trejler. Skont l-attur, fil-ħin li telaq mill-bitħa Jonathan Borg huma kienu diġà kienu bdew ix-xogħol u għalhekk dan kien ra lilu fuq il-forklifter, lil Roderick Scerri fuq is-sellum u lil Wahid Fifi (magħruf bħala Alex) bilwieqfa fl-art għaliex dan kien qed jopera l-forklifter. Madankollu jekk wieħed jikkonsidra bħala veritiera x-

xhieda ta' Jonathan Borg, isegwi li Edin Mujic ma żammx mal-istruzzjonijiet li kien tah il-kollega tiegħu sabiex ix-xogħol jinbeda meta jirritorna. Għalhekk Mujic qal lill-attur sabiex jinżel minn fuq il-forklifter mhux għaliex riedu jieqaf mix-xogħol, iżda sabiex tintrama l-gaġġa, ordni li wkoll l-attur innega bis-saħħa li kienet ingħatat lilu. Saħansitra qal li lil Edin Mujic fl-ebda ħin ma kien ħdejhom u kien proprju għaliex kienu lestew mix-xogħol li l- attur talab lil Wahid Fifi jniżżlu. Wara li Edin Mujic allegatament ta l-ordni tiegħu, dan kompla fuq xogħlu u ma tax każ jekk il-gaġġa ntramatx.

L-attur kien qed jagħmel ix-xogħol fuq is-saqaf tat-trejler billi uża forklifter b'pallet imdaħħla fil-frieket tiegħu sabiex seta' jlaħħaq aħjar mal-ftit għoli li kien hemm. Jirriżulta li hekk kien isir ukoll f'każ fejn kellu jsir xogħol li ma kienx daqstant fl-għoli, tant li l-ħaddiema kienu tgħallmu fejn ipoġġu jdejhom ukoll, u kien biss għal kwalunkwe xogħol iehor li kienet tintuża gaġġa tal-ħadid. Din kienet tintrama billi tinqabad mill-frieket tal-forklifter u mbagħad tintrabat permezz ta' pinnijiet u/jew katina.

4. Dwar il-gaġġa u l-*forklifter*:

Ma ġie ppreżentat l-ebda ċertifikat fir-rigward ta' din il-gaġġa, iżda biss fir- rigward tal-forklifter involut fl-inċident inkwistjoni. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li ċ-ċertifikat maħruġ mis-soċjetà TVI Services Ltd jagħmel żewġ rakkomandazzjonijiet jew osservazzjonijiet: (a) kellhom jitpoġġew ir-rear view mirrors; u (b) "Drivers of Lifter are to be trained in the proper use of this equipment as per manufacturer's manual." L-istess ċertifikat jgħid ukoll li dan il- forklifter kellu jiġi spezzjonat sena wara. Għalkemm is-soċjetà konvenuta kellha erba' forklifters fil-bitħa għall-użu tal-impjegati tagħha, gaġġa waħda biss kien hemm a dispożizzjoni tagħhom. Issa hekk kif ta l-ordni lil sieħbu Wahid Fifi sabiex iniżżel il-forklifter u b'hekk l- attur seta' jinżel minn fuqu, l-attur inqabditlu idu tal-lemin ġol-mekkaniżmu tiegħu għaliex hu kien qed iżomm sod fuq il-forklifter b'dik l-id. L-attur saritlu ħsara fis-saba' tan-nofs, dak taċ-ċurkett u s-saba' ż-żghir.44 Hu mar l-Isptar Mater Dei bl-ambulanza akkumpanjat minn Jonathan Borg, fejn ġie operat fis- swaba' mweġġgħin. Ġimagħtejn wara meta mar għal viżta fid-Dipartiment tal- Outpatients tal-Isptar, ġie infurmat li subgħajh taċ-ċurkett kien iggangrinalu u għalhekk kellha ssir amputazzjoni ta' parti minnu.

5. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-fatti kif irriżultawlha kienu juru li s-soċjetà konvenuta taħti għall-inċident billi ma pprovdietx sistema sikura ta' xogħol u sistema ta' taħriġ għall-ħaddiema:

Minn dan kollu jirriżulta lil din il-Qorti li s-soċjetà konvenuta naqset milli tosserva l-obbligi kollha imposti fuq min iħaddem sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Hija naqset milli tassigura li l-gaġġa kellha tintrama fuq *forklifter* meta xi ħadd mill-ħaddiema tagħha kellu bżonn li jagħmel użu minnu sabiex jintrefa' 'l fuq f'kwalunkwe għoli. Hawnhekk il-Qorti tgħid li ma tistax taċċetta li s-superviżjoni u l-iskrutinju tal-*maniġers* tas-soċjetà kienu kostanti u iebsa, għaliex jirriżulta b'mod lampanti li kienet teżisti prattika ta' użu ħażin tant li anki l-ħaddiema l-oħra Roderick Scerri u Wahid Fifi effettivament kienu jaħdmu mingħajr l-użu ta' gaġġa. In vista tal-eżistenza ta' din il-prattika, ma tistax is-soċjetà konvenuta titfa' r- responsabbilità tagħha li tassigura li jitħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha fuq il-lant tax-xogħol, fuq l-attur billi tgħid li kien proprju hu li naqas għaliex il-gaġġa kienet a disposizzjoni tiegħu. Kien jispetta lis-soċjetà konvenuta li tagħmel ċert li l-gaġġa mhux biss tkun a disposizzjoni tal-ħaddiema tagħha, iżda wkoll li dawn jagħmlu użu minnha.

Dan iwassal għall-konsiderazzjoni li s-soċjetà konvenuta naqset mill-obbligi tagħha ta' tagħrif u taħriġ tal-ħaddiema tagħha. Skont kif iddikjaraw huma stess, il-ħaddiema kienu nieqsa mit-taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà tagħhom u ta' sħabhom fuq il-post tax-xogħol. Saħansitra kienu jgħallmu lil xulxin wkoll kif joperaw forklifter u kien biss wara l-inċident inkwistjoni li s-soċjetà konvenuta ddeċidiet li tottempora ruħha mal-obbligi tagħha sabiex tassigura s-saħħa u s-sigurtà fuq il-lant tax-xogħol tal-ħaddiema tagħha, billi organizzat kors dwar l-użu tal-forklifter. Wisq probabbli dan sar in ottemperanza mar-rakkomandazzjoni mfissra fiċ-ċertifikat maħruġ wara li l-forklifter ġie ttestjat u eżaminat. Għandu jiġi osservat ukoll li ma rriżultax lil din il-Qorti li l-ħaddiema kienu jagħmlu użu minn xi tagħmir protettiv u dan għal darb'oħra juri nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta li tgħallem u tħarreġ lill-ħaddiema tagħha kif mistenni sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

Għandu jingħad ukoll li l-attur iddikjara li sakemm kien ilu jaħdem hemm hu, qatt ma kien rahom il-pinnijiet tal-forklifter u dak il-ħin stess li weġġa' bdew ifittxuhom u l-gaġġa ħaduha sussegwentement għat-tiswija. Dan ċertament juri wkoll nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta li tassigura li l-apparat tas- sigurtà kien jaqdi l-funzjoni tiegħu.

In vista ta' dan kollu, għandu jingħad li hija irrilevanti t-tieni parti tat-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, li l-attur kien jaħti għall-inċident minħabba li kien qed iżomm il-mobile f'idu waqt li kien qed jeżegwixxi x-xogħol ta' manutenzjoni, ukoll jekk din l-allegazzjoni tirriżulta vera, li ma jidhirx li kien il- każ. Din il-Qorti tgħid li mingħajr l-ebda dubju l-inċident inkwistjoni kien jiġi evitat għalkollox kieku sar użu tal-gaġġa għaliex b'hekk l-attur fl-ebda ħin ma seta' b'xi mod iserraħ idu mal-mekkanizmu tal-forklifter. Għaldaqstant il-Qorti tqis li ma kien hemm ebda traskuraġni da parti tal-attur fil-mod kif seħħ l-inċident inkwistjoni. Imma mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tas-soċjetà konvenuta, li kif jirriżulta mill-provi,

naqset milli tħares diversi obbligi li kellhom jiġu mħarsa, li l-liġi stess timponi fuq min iħaddem li għandu jħares….

6. Is-soċjetà konvenuta appellat mis-sentenza, b'dawn l-aggravji:

(1) Mill-provi minnha riprodotti estensivament fl-istess rikors **"jirriżulta bl-iżjed mod ċar"** li l-inċident seħħ biss tort tal-attur billi dan poġġa lilu nnifsu fil-periklu billi:

(i) Iddeċieda li jibda x-xogħol għall-qlugħ tas-saqaf tal-canvas tat-trejler kontra l-istruzzjonijiet tas-superjur tiegħu Jonathan Borg.

(ii) Għażel li jaħdem b'mod li kellu bżonn jagħmel użu mill-*forklifter* meta seta' faċilment ħadem mod ieħor.

(iii) Iddeċieda li jitla' fuq il-*forklifter* mingħajr ma rama' l-gaġġa minkejja li din kienet disponsibbli fil-bitħa.

(iv) Kien qiegħed jittekstja bil-mowbajl waqt li kien fuq il-*forklifter*.

(v) Minkejja li kien jaf li l-*forklifter* kien se jitniżżel, għax kien hu stess li ta l-istruzzjonijiet biex isir dan, ma qagħadx attent fejn ipoġġi jdejh b'mod li s-swaba ta' idu nqabdu fil-parti vertikali tal-*forklifter*.[1]

(2) Subordinatament, jekk is-soċjetà konvenuta għandha xi tort, l-attur ikkontribwixxa biex seħħ dak l-inċident.[2]

(3) Ma qablitx ma' kif ġie kkomputat il-*lucrum cessans*.[3]

---

[1] Paragrafi 8 sa 31 tar-Risposta tal-Appell.
[2] Para. 32 tar-Risposta tal-Appell.
[3] Para. 33 sa 35 ibid.

(4) Fl-isptar Mater Dei saret ħsara lis-saba’ tal-attur minħabba negliġenza li għaliha ma taħti xejn is-soċjetà konvenuta.

Ikkunsidrat:

7. Dwar l-ewwel aggravju:

8. Din il-Qorti eżaminat mill-ġdid bir-reqqa d-depożizzjonijiet verbali tas-segwenti xhieda u rriżultawlha dawn il-verżjonijiet rispettivi:

9. Il-maniġer tal-attur kien **Jonathan Borg**. Waqt l-inċident ma kienx fil-bitħa fejn seħħ l-inċident billi mar jixtri xi *bolts* biex bihom jintrabat is-saqaf tal-kontejner. Jgħid li qabel mar jixtri, ħalla s-superviżjoni tal-bitħa f’idejn maniġer ieħor, **Edin Mujic.**

10. Skont **Borg**, qabel telaq ordna lill-ħaddiema (isimhom ma ġiex speċifikat) idaħħlu t-trejler fil-garaxx biex ilestuh sabiex isir ix-xogħol fuqu u qalilhom jistennewh għax ried jagħtihom struzzjonijiet kif jaħdmu. Skont **l-attur** huwa qalilhom biex jibdew iħottu s-saqaf tal-kontejner. Skont **Wahid Fifi**, li kien qiegħed jieħu ħsieb il-*forklifter* li tela’ fuqu l-attur, dakinhar qabbadhom jaħdmu l-attur, li skontu kien superviżer tagħhom. Ma jsemmix, u lanqas ġie mistoqsi, jekk **Borg** kienx kellimhom, u jekk kellimhom ordnalhomx jagħmlu xi xogħol. **Mujic** jgħid li hu ma tahom l-

ebda ordni biex jagħmlu xi xogħol. Ma ġiex mistoqsi dwar x'qal **Borg** qabel mar jixtri.

11. Għalhekk **dwar jekk l-attur ingħatax struzzjonijiet dwar ix-xogħol** hemm żewġ verżjonijiet: waħda sostnuta esklussivament mid-depożizzjoni tal-attur innifsu u l-oħra sostnuta mix-xhieda verbali taż-żewġ maniġers tas-soċjetà konvenuta.

12. Dwar **min qiegħed jagħmel ix-xogħol fuq it-trejler**, **l-attur** xehed li kien hemm hu fuq il-*forklifter*, Rodrick Scerri fuq sellum bil-mazza jaqla' l-ħadid minn fuq is-saqaf tat-trejler, u **Fifi** iħaddem il-*forklifter*. **Scerri** ċaħad bil-qawwa li kien preżenti. **Fifi** jgħid li Scerri kien preżenti. **Mujic** jgħid li Scerri kien, dak iż-żmien, jaħdem mal-attur. **Borg** ma jgħid xejn dwar il-preżenza ta' Fifi u ta' Scerri.

13. **Mujic** xehed li ra lill-attur fuq il-furketti tal-*forklifter* bil-mowbajl f'idu; l-**attur** jiċħad **li kellu mowbajl f'idu**; **Fifi** ma ġiex mistoqsi b'domanda diretta jekk kellux mowbajl iżda qal li ma ralu xejn f'idu.

14. **L-attur** jgħid li lil **Mujic la raħ qabel u lanqas wara l-inċident**; **Mujic** jgħid li raħ fuq il-*forklifter* (bil-mowbajl f'idu); qallu biex jinżel minnufih u juża' l-gaġġa; ma raħx nieżel; dawwar wiċċu u għamel ftit

passi biex jieħu ħsieb xi ħaddiema oħrajn; sema' t-tweżieq, dar lura u sab lill-attur mal-art. **Fifi** jikkorrobora din il-verżjoni ta' Mujic.

15. **L-attur** xehed li kienet **prattika normali li wieħed idaħħal *pallet* fil-frieket** ta' *forklifter* u jitla' fuqhom biex jaħdem meta ma jkunx qiegħed fl-għoli; il-gaġġa kienet tintuża' biss għall-għoli. **Fifi** xehed li kien hemm ħaddiema jużaw il-gaġġa u kien hemm min ma jużahiex; iżda l-maniġers kienu jgħajtu magħhom jekk jindunaw li ma kinux qegħdin jużawha. **Scerri** xehed li kien juża' l-gaġġa biex jaqla' r-*rivets* mis-soqfa tal-kontejners. Ma kinitx tintuża biex jitniżżel il-ħadid. Il-proċess kien li s-saqaf tal-kanvas jitneħħa; kienu jinqalgħu r-*rivets* li jżommu l-ħadid ta' taħt is-saqaf; il-biċċiet tal-ħadid jiġu mbuttati bil-ganċijiet għal fuq il-*forklifter* bil-frieket miftuħin biex dan iġorrhom lil hemm. Ma kienx ikun hemm bżonn li jitla' xi ħaddiem fl-istadju ta' meta jinġabar il-ħadid.

16. Skont l-**attur il-gaġġa ma kinitx disponibbli**, u kellha l-ħsara li ssewwiet wara l-inċident. Wara l-inċident il-ħaddiema ma kinux jafu fejn isibu l-pinnijiet tagħha. Jgħid ukoll li l-gaġġa kienet tintuża għal xogħol li jsir fl-għoli. **Scerri** jgħid li hu kien juża l-gaġġa meta jaħdem mat-trejlers. **Mujic** qal li dakinhar tal-inċident il-gaġġa kienet fuq il-post u li l-attur u sieħbu kienu jafu li kienet tintuża għat-tip ta' xogħol li kellhom jagħmlu.

17. **Mujic** xehed lli huwa attenda diversi korsijiet tal-*health and safety* u li għadda t-tagħlim li rċieva lill-ħaddiema. **Scerri** xehed li qatt ma ra lil persuni mħarrġin biex jgħallmu dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post.

Ikkunsidrat:

18. Il-provi l-iktar importanti mressqin mill-attur dwar ir-responsabilità għall-inċident jikkonsistu f'depożizzjoni tiegħu nnifsu u d-depożizzjonijiet ta' erba' xhieda; tnejn minnhom impjegati bħalu u tnejn minnhom maniġers tas-soċjetà konvenuta. Dawn ix-xhieda kienu kollha prodotti mill-attur bħala xhieda tiegħu; minkejja dan, kif muri iktar 'il fuq, ikkontradixxew parti sostanzjali mix-xhieda tiegħu. Il-parti li ġġib xhud (għall-*examination-in-chief*) ma tistax, fil-prinċipju, tattakka l-kredibilità tiegħu. Din ir-regola ġiet importata mil-liġi Ngliża, fejn, fil-litigazzjoni ċivili, iddaħħlet fis-sena 1700 meta "*Holt, C.J., Would not suffer the plaintiff to discredit a witness of his own calling, he swearing against him*".[4] Ftit tas-snin qabel, fi proċeduri kriminali, kien ingħad lill-akkużat: "*whatsoever witnesses you call, you call them as witnesses to testify the truth for you; if you ask them any questions you must take what they have said as truth . . . .let him answer you if he will but you must not afterward go to disprove him*".[5]

[4] Adams v. Arnold, Holt K.B. 298, 90 Eng. Rep. 1064 (1700).
[5] 5. Coolidge's Trial, 8 How. St. Tr. 549, 636 (1681).

19. Regola din xejn feliċi, meta tqis kemm-il xhud ikun ippreġudikat, ma jgħidx il-verità, jew ikun riluttanti. Min iressaq xhud jitqies li qiegħed itella' persuna li għandha titwemmen, u allura ma jistax iwaqqa' l-kredibilità tagħha hu stess. B'danakollu, din ir-regola għandha l-limiti tagħha. Xhud bħal dan ma tistax tattakka l-karattru ħażin tiegħu, iżda tista':

(i) tikkontradixxih bi provi oħra u

(ii) tipprova li f'okkażjonijiet oħra kien għamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xhieda li jkun qiegħed jagħti (Art. 584 tal-Kap. 12). Qabel tiġi attakkata l-kredibilità tiegħu b'dan it-tieni mod, għandhom jingħadu lilu dawk id-dikjarazzjonijiet biċ-ċirkostanzi taż-żmien, tal-lok, u tal-persuni u huwa għandu jiġi mistoqsi jekk kienx għamel jew le dawk id-dikjarazzjonijiet; u għandu jiġi mogħti lilu li jispjegahom (Art. 586(1) Kap. 12).

20. Fil-każ preżenti ma ġewx prodotti stqarrijiet li ma jaqblux max-xhieda kif hemm f'paragrafu (ii) *supra*. Dak li għandna f'dan il-każ hu dak maħsub f'para (i), jiġifieri li x-xhieda hija kontradetta minn xhieda oħra. Iżda fil-każ preżenti, din it-tip ta' xhieda hi kontradetta biss minn depożizzjoni tal-attur innifsu u xejn iktar. Kontradizzjoni bħal din – bejn parti fil-kawża u x-xhieda prodotti minn dik l-istess parti - aktarx li ma

jkollhiex wisq piż probatorju, sakemm ma tkunx ikkorroborata bi provi oħrajn.

21. Din il-Qorti innutat ir-riluttanza tax-xhud Rodrick Borg illi jixhed, anke billi jsostni li ma kienx preżenti fuq ix-xena tal-inċident. Ma tqisx lil dan ix-xhud fededenju, l-iktar billi l-preżenza tiegħu ġiet affermata mhux biss mill-attur innifsu, imma wkoll minn żewġ xhieda oħra. Bla dubju Borg la ried ifuħ u lanqas jinten billi kien għadu mpjegat bħala lavrant mas-soċjetà konvenuta.

22. L-attur jgħid li ngħata l-ordnijiet biex jibda x-xogħol; iż-żewġ maniġers isostnu li ma taw l-ebda ordni bħal din. L-ebda parti ma ġabet prova korroborattiva dwar x'tassew ġara; ebda ħaddiem ieħor ma xehed dwar dan, l-anqas Fifi li kien preżenti. Dan qal biss, b'mod ġeneriku, li jqis lill-attur bħala s-superviżer tiegħu u jieħu l-ordnijiet mingħandu. Għal din il-Qorti, l-attur ma rnexxilux iġib prova li tqabbad jagħmel ix-xogħol *de quo*.

23. Bl-istess kriterju, din il-Qorti m'għandhiex prova li tassew l-attur kellu l-mowbajl f'idu, għax dan raħ biss il-maniġer Fujic filwaqt li Sisi ma ra xejn f'id l-attur.

24. Huwa minn ewl id-dinja li l-attur jiġbed lejn naħa u l-maniġers jiġbdu lejn naħa oħra u ta' dan għandu jittieħed qies meta titkejjel il-kredibilità tagħhom.

25. L-iktar xhud li jista' jitqies affidabbli f'din il-viċenda kollha huwa Sisi, billi dan ma kkontribwixxa bl-ebda mod għall-inċident u m'għadux impjegat mas-soċjetà konvenuta. M'għandu l-ebda interess jixhed mod jew ieħor. Ma jidhirx li waqt li kien qiegħed jixhed qagħad ilaqlaq jew jistaħba wara subgħajh, jew li kien ippreġudikat favur naħa jew oħra. Dan ikkonferma, kontra dak li jallega l-attur, li l-maniġer Fujic ittawwal fuq il-post u ordna lill-attur biex jużа' l-gaġġa. Xehed ukoll li għalkemm kien hemm ħaddiema li mhux dejjem jużaw il-gaġġa, il-maniġers kienu jgħajtu magħhom meta jaqbduhom ma jużawhiex. Qal ukoll li l-maniġers iduru l-ħin kollu magħhom. Dan jikkontradixxi dak li qal l-attur dwar l-użu tal-gaġġa.

Ikkunsidrat:

**Il-Piż tal-Prova**

26. Ir-responsabilità ta' min iħaddem tiġi mill-ħtieġa li tiġi ggarantita s-sigurtà tal-ħaddiem minn mard u minn korrimenti fuq il-post tax-xogħol. Dan il-ħtieġa ta' ħarsien tal-ħaddiem impoġġi f'periklu f'ambjent li jaqa' taħt il-kontroll ta' min iħaddmu, tat lok għal għadd ta' liġijiet dwar is-sigurtà

fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk, diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan mingħajr ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilità tal-ġrajja tas-sinistru.

27. Billi r-relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegat hija waħda kuntrattwali, il-piż tal-prova huwa iktar favorevoli għall-ħaddiem immankat minn meta sseħħ ħsara *ex delicto*.

28. Min-naħa tiegħu, il-ħaddiem irid juri r-regoli ta' kondotta li jassumi li ġew miksura, u jġib prova li min iħaddmu ġab ruħu bi ksur tal-klawżoli kuntrattwali, jew ir-regoli ġenerali tal-korrettezza, tal-bona fidi, jew li ma ħax il-miżuri li, fit-tħaddim tal-intrapriża, jinħtieġ jittieħdu sabiex jiġu mħarsa l-integrità fiżika u l-personalità morali tal-ħaddiema. M'għandux għalfejn jipprova l-*culpa* jew id-*dolo* ta' min iħaddmu.

29. Il-ħaddiem irid ukoll juri kemm il-ħsara lill-integrità psikofiżika tiegħu, kif ukoll in-ness ta' kawżalità bejn il-ġrajja li kkawżat il-ħsara u l-espletament tal-prestazzjoni lavorattiva. Fi kliem ieħor, irid jipprova li l-ħsara ġiet ikkawżata mix-xogħol tiegħu, u mhux minn xi kawża oħra barranija.

30. Jekk jiġi ppruvat il-premess mill-ħaddiem, il-piż tal-prova jdur għal fuq min iħaddmu, li jrid jipprova li wettaq l-obbligu tiegħu li jħares lill-ħaddiem. Irid jipprova n-nuqqas ta' ħtija, billi juri li fl-intrapriża jkun ħa dawk il-miżuri kollha li jkunu meħtieġa li, skont it-tip ta' xogħol partikolari, ikunu meħtieġa biex iħarsuh. Il-piż jaqa' fuqu biex jipprova illi l-miżuri meħtieġa ma setgħux jittieħdu minħabba xi kawża li ma kellux kontroll fuqha; jew li l-ħsara ġiet ikkawżata minn xi ġrajja li dwarha m'għandux ħtija.[6]

**Negliġenza tal-ħaddiem**

31. In-negliġenza tal-ħaddiem, li jikser ir-regoli jew l-ordnijiet f'materja ta' sikurezza, huma biżżejjed biex teskludi r-responsabilità ta' min iħaddem li jkun ħa l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa, inkluża dik tas-soreveljanza.

**Sorveljanza**

32. Għadd ta' sentenzi Maltin stabbilew li d-dover ta' sorveljanza ma jidhirx li jista' jiġi nterpretat fis-sens illi l-imghallem għandu joqgħod kull waqt u kull ħin attent fuq il-haddiem.[7] Intqal ukoll mill-awtur Ingliż

---

[6] Ara f'dan is-sens Debono -vs- Malta Drydocks li ingħatat fis-27 ta' April Prim'Awla Ċivili per Imħ. Philip Sciberras.
[7] John Debono et -vs- Neg. Joseph Muscat, Appell Kummercjali, 26 ta' Frar 1960; Francis Coleiro nomine -vs- Carmelo Cassar, Appell Civili, 24 ta' April 1964 u Alfred Borg nomine -vs- William Furlonger nomine, Qorti tal-Kummerc, 21 ta' Jannar 1965.

Charlesworth, b'ċitazzjoni ta' sentenzi tal-Qrati Ngliżi li:

> *It is not necessary for an employer to tell an experienced, skilled workman about matters of which he is well aware, or about precautions that ought to be adopted when using plant and appliances, unless there is reason to believe that he will not adopt them or the damages are insidious. An employer is not obliged to give constant or repetitive reminders.*[8]

33. U fil-*footnote* relattiva jġib eżempju permezz ta' każ konkret:

> *Where an experienced electrician was injured when he fell from a mobile scaffold tower which toppled over after he had failed to lock its wheels and/or to use the outriggers that were available.*[9]

Ikkunsidrat:

34. L-ewwel Qorti kkonkludiet li "ma tistax taċċetta li s-superviżjoni u l-iskrutinju tal-maniġers kienu kostanti u iebsa, għaliex jirriżulta b'mod lampanti li kienet teżisti prattika ta' użu ħażin tant li anki l-ħaddiema l-oħra Rodrick Scerri u Wahid Fifi effettivament kienu jaħdmu mingħajr l-użu tal-gaġġa". Din l-asserzjoni għamilha l-attur biss u ġie kontradett kemm minn Rodrick Scerri (anke jekk dan ix-xhud kif ingħad mhuwiex fededenju għall-aħħar) u Wahid Fifi. Ġie kontradett wkoll mill-fatt li wieħed mill-maniġers mar iwiddbu proprju ftit wara li beda x-xogħol mingħajr il-gaġġa. Għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuqha. Il-viġilanza m'hemmx għalfejn tkun "kostanti u iebsa"; kif ingħad fis-sentenza Ngliża suċċitata, m'hemmx għalfejn "*constant and repetitive reminders*".

[8] - Charlesworth on Negligence (1977) para. 10-40.
[9] Baker v T. Clarke (Leeds)(1992).

35. L-Ewwel Qorti għamlet enfasi dwar in-nuqqas ta' taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà. Tassew li jirriżulta li dan kien il-każ, iżda ma jidhirx li dan il-fattur kien kawża jew waħda mill-kawżi tal-inċident. Il-katina tal-*forklifter* ma kinitx xi periklu moħbi. Kellha tkun ovvja għall-attur li kellu biżżejjed esperjenza tal-*forklifter*. L-attur kien ġie mwissi diversi drabi biex juża l-gaġġa ħalli jevita l-periklu. Gaġġa li kienet disponibbli għalih u li kienet faċilment tintrama b'mod sikur. Il-ħaddiem irid huwa wkoll iġorr ir-responsabilità tiegħu u ma jidħolx f'periklu bla bżonn.

36. Fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'il fuq, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn teżamina l-aggravji l-oħrajn tal-appellanti.

***Decide***

37. Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju dwar ir-responsabilità, bil-mod kif fuq ingħad, tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti, tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u minflok tiċħad it-talbiet tal-attur. Spejjeż taż-żewġt istanzi a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss